MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 39/2010

**A B; u**
**C D f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E F b'digriet tal-11 ta' Frar 2010**

**-vs-**

**G F; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B u C D f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E F fejn dawn, wara li ppremettew:

Illi l-attrici C D welldet tifla, fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (22.12.2009) li giet moghtija l-isem ta' E F.

Illi t-twelid gie rregistrat fir-Registru Pubbliku permezz ta’ Att ta’ Twelid numru mija tlieta u tletin zbarra elfejn u ghaxra (133/2010) [Dok. A].

Illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri E F jirrizulta illi fil-kolonna tal-“Isem u Kunjom Missier it-Tarbija” gie registrat isem ir-ragel tal-attrici C D, cioe’ l-intimat G F, u dana peress illi kien ghadu legalment mizzewweg ma’ omm it-tarbija meta l-istess minuri giet koncepita.

Illi l-attrici ilha sseparata de facto minn mar-ragel taghha G F mill-bidu ta’ Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), u wara li l-medjazzjoni falliet hija qed tintavola kawza ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha, kontestwalment ma’ din il-kawza.

Illi l-attur A B, huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri E F, u dan kif ser jigi ppruvat permezz ta’ testijiet genetici appoziti fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi dikjarata l-paternita’ reali taghha;

Illi l-istess A B ghandu jkun maghruf bhala missier il-minuri, u ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri ghandu jirrifletti dan bid-debita korrezzjoni.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-minuri E F, imwielda fit-tnejn u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elfejn u disgha (22.12.2009), ma hijiex bint G F kif indikat fl-anness certifikat;

Tiddikjara illi missier naturali tal-minuri E F, fit-tnejn ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elfejn u disgha (22.12.2009) huwa l-attur A B.

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi minuri li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni 3505/2007, billi

jithassar minnu kull referenza ghall-konvenut G F u l-konnotati riferibbli ghalih u invece dan jigi sostitwit bl-isem “A B”, “impjegat”, “27”, “Pieta’, Malta”, “Zebbug”, “H B (Haj)”.

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi minuri li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni 133/2010, billi kunjom il-minuri ma jibqax “F”, izda jsir “B D”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi in linea preliminari jigi eccepit li r-rikorrenti C D f’isimha proprju u A B, filwaqt li ai termini tal-ewwel talba taghhom huma ghandhom kull dritt bhala terzi persuni interessati li jattakkaw il-filjazzjoni ta’ E (*recte* I) F a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Min-naha l-ohra, il-ligi ma taghtihomx l-istess dritt bhala terzi persuni interessati li jitolbu ghal dikjarazzjoni gudizzjali li l-imsemmija minuri hija l-wild naturali ta’ persuna ohra u kwindi t-tieni talba taghhom kif inhi ppostulata qeghda tigi opposta;

Illi in aggunta mal-premess, lanqas it-tieni talba tar-rikorrenti ‘l ohra ossia I F kif rapprezentata minn ommha C D ma tista’ tigi akkolta u dan ghaliex fil-konfront tal-konvenut G F, hi potenzjalment tista’ tmexxi biss l-ewwel talba taghha biex jigi dikjarat li hu m’huwiex il-missier naturali taghha. Madanakollu, ghal kull buon fini sabiex tigi salvata l-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti jridu jitolbu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex ‘il fuq imsemmi A B minflok rikorrenti jigi mdahhal bhala intimat f’din il-kawza. B’dan l-arrangament ir-rikorrenti I F nomine tkun tista’ tesperixxi t-tieni talba

taghha biex tikseb dikjarazzjoni gudizzjali kontra A B li huwa l-missier naturali taghha.

Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri I F, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghall-premess, ir-rikorrenti jridu ukoll jeghlbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri I F ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem G F, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru 133 tas-sena 2010;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' G F fejn dan ammetta t-talbiet attrici kollha stante li huma veritieri ghajr il-kap tal-ispejjez tant illi jissottometti illi l-ispejjez ghandhom jintbatu kompletament mill-atturi kollha jew min minnhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2011 fejn, in vista tal-emendi legislattivi, id-Direttur tar-Registru Pubbliku irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta’ I F li giet registrata bhala wild G F meta fil-fatt hija wild naturali ta’ A B. Il-fatti allegati gew pruvati ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti, partikolarment in vista tar-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti minn Dr. Marisa Cassar u minnha konfermati bil-gurament.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri I li twieldet fit-22 ta’ Dicembru tas-sena 2009 m’hijiex bint G F;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, b’referenza ghall-Att tat-Twelid 133/2010, mill-kolonna bid-dettalji tal-missier, ihassar il-konnotati ta’ G F u jnizzel minflokhom isem A B, Nru. tal-Karta tal-Identita’ 528182(M), tal-eta’ ta’ sebgha u ghoxrin sena, imwieled Pieta’, Malta, residenti Haz Zebbug, iben H B, haj;

3. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna li kunjom it-tarbija ghandu jkun B D. Mill-kolonna bid-dettalji tal-omm ghandhom jithassru l-kliem “*the said*”.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------